

Brussell, 16 ta' Frar 2022
(OR. en)

5779/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0037(NLE)

PECHE 28

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	16 ta' Frar 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 54 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2022/109 li jistabbilixxi għall-2022 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f' ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 54 final.

Mehmuż: COM(2022) 54 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.2.2022
COM(2022) 54 final

2022/0037 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2022/109 li jistabbilixxi għall-2022 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f' ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Konsultazzjonijiet mar-Renju Unit dwar l-opportunitajiet tas-sajd skont l-Artikolu 498 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni (FKK).¹

Bħala firmatarji tal-FKK, u wara li jiġu kkunsidrati l-kunsiderazzjonijiet u l-orjentazzjonijiet ta' politika potenzjalment differenti tagħhom, kemm l-Unjoni kif ukoll ir-Renju Unit eżerċitaw ir-rwoli rispettivi tagħhom billi kkonsultaw lill-parti l-oħra għall-istabbiliment ta' opportunitajiet tas-sajd għal stokkijiet kondiviżi għall-2022 skont l-Artikolu 498 tal-FKK.

Il-Kummissjoni kkonsultat mar-Renju Unit f'konformità ma':

- L-Artikoli 498(2), 498(4)(a) sa (d) u 498(6) tal-FKK;
- L-objettivi u l-prinċipji stabbiliti fl-Artikoli 2, 3, 28 u 33 tar-Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd (PKS)²;
- L-Artikoli 4 u 5 tal-pjanijiet pluriennali tal-Ilmijiet tal-Punent³ u tal-Baħar tat-Tramuntana⁴ (MAPs); u
- id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-konsultazzjonijiet mar-Renju Unit biex jintlaħaq qbil dwar l-opportunitajiet tas-sajd għal stokkijiet kondiviżi għall-2022⁵.

F'konformità mal-Artikolu 494(3)(c) tal-FKK, l-Unjoni bbażat il-pożizzjoni tagħha fuq l-aħjar parir xjentifiku disponibbli kif previst mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES).

Il-Kummissjoni wettqet il-konsultazzjonijiet f'koordinazzjoni sħiħa mal-Kunsill. Il-Parlament Ewropew ġie infurmat kif xieraq.

Fil-21 ta' Diċembru 2021, l-Unjoni qablet mar-Renju Unit dwar l-istabbiliment ta' għadd kbir ta' qabdiet totali permissibbli (TACs) għall-2022 (stokkijiet elenkati fl-Anness 35 tal-FKK). Fil-prinċipju, il-ftehim ġie stabbilit fir-Rekord bil-Miktub għall-2022, li ġie approvat mill-

¹ Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10).

² Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

³ Ir-Regolament (UE) 2019/472 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet mistada fl-Ilmijiet tal-Punent u fl-ilmijiet tal-madwar, u għas-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet, u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/1139 u (UE) 2018/973, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007 u (KE) Nru 1300/2008, (ĠU L 83 tal-25.3.2019, p. 1).

⁴ Ir-Regolament (UE) 2018/973 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet demersali fil-Baħar tat-Tramuntana u s-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet, li jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art fil-Baħar tat-Tramuntana u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 676/2007 u (KE) Nru 1342/2008 (ĠU L 179 tas-16.7.2018, p. 1).

⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1875 tat-22 ta' Ottubru 2021 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-konsultazzjonijiet annwali mar-Renju Unit biex jintlaħaq ftehim dwar il-qabdiet totali permissibbli (ĠU L 378, 26.10.2021, p. 6).

Kunsill fil-21 ta' Diċembru 2021 u ffirmat fl-istess jum mill-Kapijiet tad-Delegazzjoni tar-Renju Unit u mir-rappreżentant tal-Kummissjoni f'isem l-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 498(6) tal-FKK u skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2021.

Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu implimentati t-TACs li jikkorrispondu għall-opportunitajiet tas-sajd miftiehma fir-Rekord bil-Miktub għall-2022 fl-ordni legali tal-Unjoni. Tali opportunitajiet tas-sajd għall-2022 se jippermettu attivitajiet tas-sajd li jkunu ambjentalment sostenibbli fuq terminu twil, u li jkunu ġestiti b'modi konsistenti ma' dawn l-oġġettivi: (i) il-kisba ta' benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tal-impjiegi; u (ii) il-kontribuzzjoni għad-disponibbiltà tal-provvisti tal-ikel, inkluż il-promozzjoni ta' kundizzjonijiet ekwivalenti għall-operaturi tal-Unjoni, fejn l-istokkijiet huma kondiviżi mar-Renju Unit.

Opportunitajiet tas-sajd għal stokkijiet awtonomi tal-Unjoni għall-2022

Il-proposta tindirizza wkoll il-ħtieġa li jiġu stabbiliti opportunitajiet tas-sajd għall-inċova (*Engraulis encrasicolus*) fis-subżona 8 tal-ICES (il-Golf tal-Biskalja) għall-2022, wara l-ħruġ tal-parir xjentifiku mill-ICES għal dan l-istokk.

Ir-Regolament (UE) 2022/109⁶ stabbilixxa TAC proviżorja għall-inċova fis-subżona 8 tal-ICES li tkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2022 sat-30 ta' Ġunju 2022, sakemm l-ICES tagħmel disponibbli l-parir xjentifiku għall-2022. L-ICES ħareġ il-parir xjentifiku għall-istokk għall-2022 fis-17 ta' Diċembru 2021. Jenħtieġ li t-TAC għal dak l-istokk għall-2022, tiġi stabbilita skont dak il-parir għal 33 000 tunnellata.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-miżuri proposti huma konsistenti mal-oġġettivi u mar-regoli tal-PKS u huma konsistenti mal-politika tal-Unjoni dwar l-iżvilupp sostenibbli.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-miżuri proposti huma konsistenti ma' politiki oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-politiki fil-qasam tal-ambjent.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika ta' din il-proposta hija l-Artikolu 43(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

L-obbligi tal-Unjoni għall-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin jirriżultaw mill-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament dwar il-PKS.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(d) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

⁶ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/109 tas-27 ta' Jannar 2022 li jstabbilixxi għall-2022 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 21, 31.1.2022, p. 1–164).

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità minħabba li l-PKS hija politika komuni. F'konformità mal-Artikolu 43(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, hija r-responsabbiltà tal-Kunsill li jadotta l-miżuri għall-iffissar u għall-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd.

- **Għażla tal-istrument**

Strument propost: Regolament.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Matul il-konsultazzjonijiet mar-Renju Unit dwar l-opportunitajiet tas-sajd, il-Kummissjoni infurmat u kkonsultat mal-partijiet ikkonċernati (b'mod partikolari mar-rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi u ta' organizzazzjonijiet tal-industrija tas-sajd). Il-Kummissjoni żammet ukoll kuntatt mal-amministrazzjonijiet nazzjonali permezz ta' koordinazzjoni intensiva. Il-Kummissjoni infurmat perjodikament lill-kunsilli konsultattivi dwar il-progress fil-konsultazzjonijiet.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-proposta hija bbażata fuq il-parir xjentifiku tal-ICES.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Dwar stokkijiet li huma kondiviżi mar-Renju Unit, din il-proposta essenzjalment timplimenta miżuri miftiehma internazzjonalment. Kwalunke element rilevanti għall-valutazzjoni tal-impatti possibbli tal-opportunitajiet tas-sajd jiġi trattat fil-fażi tat-tnejn u ta' tmexxija tan-negożjati internazzjonali, li matulhom isir qbil mal-partijiet terzi dwar l-opportunitajiet tas-sajd tal-Unjoni.

- **Idoneità regulatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-miżuri proposti mhux se jkollhom l-ebda implikazzjoni baġitarja.

5. ELEMENTI OĦRA

F'konformità mal-Artikolu 498 tal-FKK, it-TACs miftiehma mill-Unjoni mar-Renju Unit u dokumentati fir-Rekord bil-Miktub għall-2022 jikkorrispondu mal-ishma tal-kwoti tal-Unjoni stabbiliti fl-Anness 35 tal-FKK u fl-Anness 36 tal-FKK. L-approċċ ġenerali tal-Kummissjoni biex tistabbilixxi dawk it-TACs huwa bbażat fuq il-parir tal-ICES għall-2022, u huwa

konformi mal-objettivi stabbiliti fl-Artikoli 494(1) u 494(2) tal-FKK u mal-prinċipji msemmija fl-Artikolu 494(3) tal-FKK.

F'konformità mal-objettiv ewlieni ta' konservazzjoni tal-PKS kif stabbilit fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament dwar il-PKS u l-Artikolu 3(1) tal-MAPs tal-Ilmijiet tal-Punent u tal-Baħar tat-Tramuntana, l-Unjoni qabiet mat-TACs tar-Renju Unit għall-istokkijiet b'parir dwar l-F_{MSY} (parir bil-livelli ta' opportunitajiet tas-sajd li jesprimu pressjoni tas-sajd li tipproduċi r-rendiment massimu sostenibbli – MSY).

Il-konsultazzjonijiet irriżultaw f'erba' TACs għall-istokkijiet, bil-valutazzjoni tal-MSY u bil-parir dwar qabdiet żero li ma ġewx stabbiliti f'konformità mal-parir tal-ICES għal TAC żero. Għal tliet stokkijiet demersali, it-TACs ġew miftiehma mar-Renju Unit fil-livelli ta' qabdiet aċċessorji (il-Bakkaljaw tal-Baħar Ċeltiku, il-Bakkaljaw tal-Punent tal-Iskozja, u l-Merlangu tal-Baħar Irlandiż), u għal stokk demersali wieħed (l-Aringa tal-Baħar Ċeltiku), ġiet stabbilita TAC mar-Renju Unit bħala TAC ta' monitoraġġ skont il-parir tal-ICES rigward il-livell ta' tali TAC.

Il-bakkaljaw tal-Baħar Ċeltiku huwa stokk fil-mira taħt il-MAP tal-Ilmijiet tal-Punent. Intlaħaq qbil dwar TAC bejn l-Unjoni u r-Renju Unit f'livell ta' 644 tunnellata (-20 % meta mqabbel mal-livell tal-2021) għall-qabdiet aċċessorji inevitabbli fis-sajd demersali mħallat, li jwassal għal żieda fil-bijomassa ta' mill-inqas 82 % u li jibqa' taħt il-valur ta' fuq tal-F_{MSY}. Filwaqt li ma kien hemm ebda qbil dwar miżuri ta' rimedju (tekniki) ġodda mar-Renju Unit, dan l-aħħar, il-Kummissjoni adottat⁷ miżuri ġodda bbażati fuq l-irkaptu u livelli limiti tal-qabdiet aċċessorji biex jitnaqqsu l-qabdiet aċċessorji tal-bakkaljaw fil-Baħar Ċeltiku u fl-ilmijiet kontigwi. Dawk il-miżuri l-ġodda se japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2022.

Il-bakkaljaw tal-Punent tal-Iskozja huwa stokk ta' qabdiet aċċessorji taħt il-MAP tal-Ilmijiet tal-Punent. Intlaħaq qbil dwar it-TAC mar-Renju Unit abbażi ta' tiġdid kif mitlub mir-Renju Unit, 'il fuq mill-F_{MSY} iddeterminat mill-ICES u 'l fuq mir-regola ta' parir tal-ICES dwar l-F_{MSY} superjuri. Dan se jirriżulta f'żieda fid-daqs tal-istokk b'45 % meta mqabbel mal-livell tal-bijomassa tal-2021. Dan huwa wieħed miż-żewġ stokkijiet li għalihom il-Kunsill adatta l-pożizzjoni tal-Unjoni fis-6 ta' Diċembru 2021.

Il-Merlangu tal-Baħar Irlandiż huwa stokk ta' qabdiet aċċessorji taħt il-MAP tal-Ilmijiet tal-Punent. Intlaħaq qbil dwar it-TAC, mar-Renju Unit abbażi ta' tiġdid, kif mitlub mir-Renju Unit 'il fuq mill-F_{MSY} iddeterminat mill-ICES u 'l fuq mir-regola ta' parir tal-ICES dwar l-F_{MSY} superjuri. Dan se jirriżulta f'żieda fid-daqs tal-istokk ta' mill-inqas 23 % meta mqabbel mal-livell tal-bijomassa tal-2021. Dan huwa wieħed miż-żewġ stokkijiet li għalihom il-Kunsill adatta l-mandat fis-6 ta' Diċembru 2021.

Il-proposta telenka 32 TAC għall-istokkijiet b'parir ta' prekawzjoni. L-Unjoni fittxet ftehim mar-Renju Unit dwar dawn it-TACs, filwaqt li qieset il-parir ewlieni korrispondenti tal-ICES u l-approċċ ta' prekawzjoni previst fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament dwar il-PKS. Il-biċċa l-kbira ta' dawn it-TACs ġew miftiehma mar-Renju Unit skont il-livelli tal-parir tal-ICES jew

⁷ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2324 tat-23 ta' Awwissu 2021 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' miżuri tekniċi għal ċertu sajd demersali u pelagiġu fil-Baħar Ċeltiku, fil-Baħar Irlandiż u fil-Punent tal-Iskozja (ĠU L 465, 29.12.2021, p. 1–7).

taħthom. Madankollu, għadd ta' TACs (il-Linarda [Internazzjonali 1, 2; Il-Baħar tat-Tramuntana; Skagerrak], il-Barbun tat-Tbajja' [7hjk], il-Gamblu tat-Tramuntana [il-Baħar tat-Tramuntana] u l-Mazzola griża [l-ilmijiet tal-Punent]) ġew miftiehma mar-Renju Unit f'livelli li jevitaw sitwazzjonijiet ta' kwoti limitanti u jipprovdu għall-ispeċifitàjiet fis-sajd imħallat. Ġiet miżjuda nota f'qiegħ il-paġna dwar qabda aċċidentali biss tal-Gamblu tat-Tramuntana (il-Baħar tat-Tramuntana) minħabba li l-parir tal-ICES jissuġġerixxi li jenħtieġ li dan ma jkunx sajd dirett. Intlaħaq qbil mar-Renju Unit dwar TAC ta' monitoraġġ għall-aringa tal-Punent tal-Iskozja (HER/5B6ANB) u TAC oħra għall-aringa fil-Punent tal-Irlanda (HER/6AS7BC), li se ġġib il-livell tal-bijomassa għal +21 % fl-2022 meta mqabbel mal-livell tal-bijomassa tal-2021.

Għal għadd limitat ta' stokkijiet (ir-Rockall, il-Punent tal-Iskozja, il-Baħar Irlandiż u l-bakkaljaw tal-Baħar Ċeltiku; Merlangu tal-Baħar Irlandiż; il-Pollakkju 6 u 7), it-TACs ġew miftiehma mar-Renju Unit f'livell oġġla minn dak propost mill-Unjoni sabiex jinkiseb eżitu kumplessiv meqjus meħtieġ u mixtieq f'termini ta' sostenibbiltà u kunsiderazzjonijiet soċjoekonomiċi, inkluż il-ħtieġa li jiġu promossi l-kundizzjonijiet ekwivalenti.

It-TACs li jiddevjaw b'aktar minn 20 % mil-livell tat-TAC stabbilit qabel

Meta ġew adottati l-MAPs tal-Ilmijiet tal-Punent u tal-Baħar tat-Tramuntana, il-Kummissjoni ddikjarat li, meta hi tipproponi li tistabbilixxi t-TACs li jiddevjaw b'aktar minn 20 % mil-livell tat-TAC stabbilit qabel, dawn il-każijiet se jiġu elenkati fil-memorandum ta' spjegazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni, u fejn hu xieraq se jingħataw ir-raġunijiet sottostanti għall-varjazzjonijiet tat-TACs. Fil-kuntest tal-istokkijiet kondiviżi mar-Renju Unit, il-Kummissjoni b'hekk tipprovdi spjegazzjonijiet bħal dawn għall-varjazzjonijiet ewlenin tat-TACs inklużi f'din il-proposta.

Kodiċi TAC	Isem	TAC tal-2021 (t)	TAC tal-2022 (t)⁸	Bidla Perċentwal i (ittondjata)	Ġustifikazzjoni
ANF/2AC 4-C	Petriċa kbira (Il-Baħar tat-Tramuntana)	11 972	9 014	-25 %	Wara parir xjentifiku, bi qbil mar-Renju Unit.

⁸ Kif stabbilit fir-Rekord bil-Miktub qabel it-tnaqqis tat-TAC li jirriżulta minn eżenzjonijiet skont l-Obbligu ta' Ħatt l-Art.

Kodiċi TAC	Isem	TAC tal-2021 (t)	TAC tal-2022 (t) ⁸	Bidla Perċentwali (ittondjata)	Ġustifikazzjoni
ARU/567	Arġentina (Punent)	3 729	11 626	+212 %	Wara parir xjentifiku, bi qbil mar-Renju Unit. Minħabba r-reviżjoni tal-valutazzjoni, dan l-istokk ġie aġġornat għal valutazzjoni analitika (mill-kategorija 3 għal 1) u dan wassal għal parir xjentifiku rivedut għal TAC oġġla.
HAD/6B1 214	Merluzz tal-linja sewda (Rockall)	8 375	5 825	-30 %	Wara parir xjentifiku, bi qbil mar-Renju Unit. Parir xjentifiku ta parir għal TAC imnaqqsa minħabba t-tnaqqis fl-indiċi ta' abbondanza u l-applikazzjoni tar-riżerva ta' prekawzjoni.
JAX/4BC 7D	Sawrell (Il-Baħar tat-Tramuntana tan-Nofsinhar u l-Kanal tal-Lvant)	14 014	8 969	-36 %	Wara parir xjentifiku, bi qbil mar-Renju Unit.
L/W/2AC 4-C	Lingwata ħalqha żgħir u Barbun ilsien il-kelb (Il-Baħar tat-Tramuntana)	5 428	4 287	-21 %	Wara parir xjentifiku, bi qbil mar-Renju Unit.
NEP/2AC 4-C	Awwisti (Il-Baħar tat-Tramuntana)	19 077	24 268	+27 %	Wara parir xjentifiku, bi qbil mar-Renju Unit.
NEP/5BC 6	Awwisti (Il-Punent tal-Iskozja)	14 945	11 862	-21 %	Stabbilit mir-Renju Unit.

Kodiċi TAC	Isem	TAC tal-2021 (t)	TAC tal-2022 (t) ⁸	Bidla Perċentwal i (ittondjata)	Ġustifikazzjoni
NOP/2A3 A4	Merluzz tan-Norveġja (Il-Baħar tat-Tramuntana)	128 300	59 728	-53 %	Wara parir xjentifiku, bi qbil mar-Renju Unit.
PLE/7DE	Barbun tat-tbajja' (Il-Kanal Inġliż)	11 920	9 138	-23 %	Wara parir xjentifiku, bi qbil mar-Renju Unit.
PLE/7HJK	Barbun tat-tbajja' (7hjk)	67	114	+70 %	Wara parir xjentifiku, bi qbil mar-Renju Unit.
PRA/2AC 4-C	Gamblu tat-Tramuntana (Il-Baħar tat-Tramuntana)	660	990 (qabda aċċessorja biss)	+50 %	Tibdil fit-TAC tal-qabdiet aċċessorji biex jiġu evitati kwoti limitanti, bi qbil mar-Renju Unit.
SOL/07D	Lingwata (Kanal tal-Lvant)	3 248	2 380	-27 %	Wara parir xjentifiku, bi qbil mar-Renju Unit.
SOL/24-C	Lingwata (Il-Baħar tat-Tramuntana)	21 361	15 330	-28 %	Wara parir xjentifiku, bi qbil mar-Renju Unit.
SOL/7HJK	Lingwata (7hjk)	280	213	-24 %	Wara parir xjentifiku, bi qbil mar-Renju Unit.
SPR/7DE	Laċċa kaħla (Kanal Inġliż)	1 446	550 (mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju)	-62 %	Bidla fis-sena tat-TAC (li għandha sseħħ mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara). Għalhekk, dawn l-opportunitajiet tas-sajd jikkorrispondu għal TAC speċjali ta' sitt xhur biex ikopru l-perjodu mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju 2022.

Kodiċi TAC	Isem	TAC tal-2021 (t)	TAC tal-2022 (t) ⁸	Bidla Perċentwali (ittondjata)	Ġustifikazzjoni
WHG/56-14	Merlangu (Il-Punent tal-Iskozja)	937	1 800	+92 %	Tippermetti żieda taħt il-parir xjentifiku l-ġdid, bi qbil mar-Renju Unit.

Flessibbiltà interannwali

L-Unjoni qablet mar-Renju Unit li l-flessibbiltà interannwali mhux se tapplika għall-istokkijiet li ġejjin: Il-Linarda fl-ilmijiet internazzjonali tal-ICES 1 u 2 (BLI/12INT-), il-Linarda tal-Baħar tat-Tramuntana (BLI/24-), il-Linarda fi Skagerrak (BLI/03/A-), il-Bakkaljaw tal-Punent tal-Iskozja (COD/5BE6A), il-Bakkaljaw tal-Baħar Ċeltiku (COD/7XAD34), il-Mazzola Griża tal-Ilmijiet tal-Punent (DGS/15X14), l-Aringa HER/7G-K, u l-Merlangu tal-Baħar Irlandiż (WHG/07A).

Eżenzjonijiet għall-iskartar

Fejn hemm differenzi bejn l-Unjoni u r-Renju Unit dwar l-eżenzjonijiet għall-obbligu ta' ħatt l-art, ir-Renju Unit ikkonferma li se jagħmel użu mill-eżenzjonijiet għall-iskartar tal-Unjoni fl-2022. Madankollu, minħabba r-reġim rivedut tal-eżenzjonijiet fl-ilmijiet tar-Renju Unit kif innotifikat lill-Unjoni fis-17 ta' Novembru 2021, li bħalissa qed nistennew tweġiba mir-Renju Unit dwar il-kummenti u t-talbiet sussegwenti tagħna għal kjarifika, f'dan l-istadju, l-Unjoni ma tistax tgħid liema eżenzjonijiet minn dawn jistgħu jintużaw mill-flotta tal-Unjoni waqt li tkun qed topera fl-ilmijiet tar-Renju Unit.

Tnaqqis tat-TAC

L-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet ta' speċijiet li jaqgħu taħt l-obbligu ta' ħatt skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 1380/2013, iqisu l-fatt li fil-prinċipju, l-iskartar ma għadux permess. L-ammonti li, b'eċċezzjoni, jistgħu jibqgħu jiġu skartati waqt l-operazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art, jenħtieġ li jitnaqqsu minn dik iċ-ċifra ssuġġerita għall-qabdiet totali.

Skambji ta' kwoti

L-Unjoni fittxet li tiffaċilita l-iskambji tal-kwoti mar-Renju Unit, fid-dawl tal-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' skambju tal-kwoti mill-Kumitat Speċjalizzat dwar is-Sajd. Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-proċedura biex jitwettqu dawn l-iskambji.

Spnott

L-ispnott tat-Tramuntana huwa stokk mhux tal-kwota kondiviż mar-Renju Unit. B'din il-proposta, il-Kummissjoni tipproponi li tistabbilixxi miżuri ta' limitazzjoni tal-qbid għall-2022 għal dan l-istokk, kif miftiehem fil-qafas tal-konsultazzjonijiet mar-Renju Unit.

Ċiċirell

L-Artikolu 11a tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/109 irriporta l-għeluq staġunali għall-2022 għas-sajd taċ-ċiċirell bl-użu ta' ċertu rkaptu rmunkat fid-diviżjonijiet 2a, 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES. Minħabba li t-TAC provviżorja li tkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2022 issa qiegħda tiġi sostitwita b'TAC definittiva għas-sena sħiħa, il-perjodu ta' għeluq applikabbli jenħtieġ li jkopri wkoll il-perjodu mill-1 ta' Awwissu sal-31 ta' Diċembru 2022, minbarra l-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2022. Għalhekk, l-Artikolu 11a jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq.

Speċijiet ipprojbiti

Sabiex jiġu protetti ċerti speċijiet milli jinqabdu, l-Unjoni u r-Renju Unit qablu fir-Rekord bil-Miktub għall-2022 li jżommu l-lista eżistenti ta' speċijiet projbiti kif stabbilit fl-Anness 2 tar-Rekord bil-Miktub għall-2021.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2022/109 li jistabbilixxi għall-2022 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f' ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/109¹ jistabbilixxi għall-2022 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f' ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni.
- (2) Fil-21 ta' Diċembru 2021, l-Unjoni qablet mar-Renju Unit dwar l-istabbiliment ta' għadd kbir ta' qabdiet totali permissibbli (TACs) għall-2022 għall-istokkijiet elenkati fl-Anness 35 tal-FKK. L-eżitu tal-konsultazzjonijiet ġie ddokumentat fir-Rekord bil-Miktub, li ġie approvat mill-Kunsill fil-21 ta' Diċembru 2021 u ffirmat fl-istess jum mill-Kap tad-Delegazzjoni tar-Renju Unit u mir-rappreżentant tal-Kummissjoni f' isem l-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 498(6) tl-FKK u f'konformità mad-Deċizzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2021².
- (3) Ir-Rekord bil-Miktub huwa riżultat tal-konsultazzjonijiet imwettqa mill-Unjoni mar-Renju Unit f'konformità mal-Artikoli 498(2), 498(4)(a) sa (d) u 498(6) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni u r-Renju Unit (FKK)³, bl-objettivi u bil-prinċipji stabbiliti fl-Artikoli 2, 3, 28 u 33 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd⁴, l-Artikoli 4 u 5 tar-Regolamenti (UE) 2019/472 u 2018/973 dwar il-pjanijiet pluriennali (MAPs) tal-

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/109 tas-27 ta' Jannar 2022 li jistabbilixxi għall-2022 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f' ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 21, 31.1.2022, p. 1–164).

² Id-Deċizzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1875 tat-22 ta' Ottubru 2021 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f' isem l-Unjoni fil-konsultazzjonijiet annwali mar-Renju Unit biex jintlaħaq ftehim dwar il-qabdiet totali permissibbli (ĠU L 378, 26.10.2021, p.6).

³ Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10).

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċizzjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

Ilmijiet tal-Punent⁵ u tal-Baħar tat-Tramuntana⁶, u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1875 tar-Renju Unit⁷ dwar konsultazzjonijiet mar-Renju Unit rigward l-opportunitajiet tas-sajd għal stokkijiet kondiviżi għall-2022. Il-pożizzjoni tal-Unjoni kienet ibbażata matul il-konsultazzjonijiet fuq l-aħjar parir xjentifiku disponibbli kif previst mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) f'konformità mal-Artikolu 494(3)(c) tal-FKK.

- (4) Għalhekk huwa meħtieġ li t-TACs provviżorji li ġew stabbiliti fir-Regolament (UE) 2022/109 jiġu sostitwiti f'konformità mal-opportunitajiet tas-sajd miftiehma fir-Rekord bil-Miktub u li jiġu implimentati miżuri oħra li huma funzjonalment marbuta mal-opportunitajiet tas-sajd miftiehma wkoll fir-Rekord bil-Miktub.
- (5) Tali opportunitajiet tas-sajd għall-2022 se jippermettu attivitajiet tas-sajd sostenibbli għall-ambjent fit-tul, ġestiti bil-għan li jinkisbu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tal-impjiegi u jikkontribwixxu għad-disponibbiltà tal-provvisti tal-ikel, inkluż il-promozzjoni ta' kundizzjonijiet ekwivalenti għall-operaturi tal-Unjoni fejn l-istokkijiet huma kondiviżi mar-Renju Unit.
- (6) Hemm ċerti stokkijiet li għalihom il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES), waqt li jivvalutahom mal-MSY, ħareġ parir xjentifiku biex ma jsir ebda qbid. Jekk it-TACs għal daww il-istokkijiet jiġu stabbiliti fil-livell indikat fit-tali parir xjentifiku, l-obbligu li f'sajd imħallat jinħattu l-art il-qabdiet kollha kemm fl-ilmijiet tal-Unjoni kif ukoll f'tar-Renju Unit, inkluż il-qabdiet aċċessorji minn daww il-istokkijiet, iwassal għall-fenomena ta' "speċijiet bi kwota limitanti". Sabiex tiġi bilanċjata l-ħtieġa għall-kontinwazzjoni ta' dak is-sajd imħallat fid-dawl tal-implikazzjonijiet soċjoekonomiċi potenzjalment severi fuq l-interruzzjoni sħiħa ta' dak is-sajd mal-ħtieġa li jinkiseb status bijoloġiku tajjeb għal daww il-istokkijiet, u filwaqt li titqies id-diffikultà tas-sajd tal-istokkijiet kollha f'sajd imħallat b'MSY fl-istess ħin, l-Unjoni u r-Renju Unit qablu li huwa xieraq li jiġu stabbiliti TACs speċifiċi għall-qabdiet aċċessorji għal daww il-istokkijiet. Il-livell ta' daww it-TACs jenħtieġ li jkun tali li titnaqqas il-mortalità għal daww il-istokkijiet u li jipprovdi inċentivi għal titjib fis-selettività u fl-evitar. Il-livelli tal-opportunitajiet tas-sajd għal daww il-istokkijiet jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'konformità mar-Rekord bil-Miktub kemm sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti għall-operaturi tal-Unjoni kif ukoll sabiex jiġi previst l-irkupru sinifikanti tal-bijomassa ta' daww il-istokkijiet fl-istess ħin.
- (7) Minħabba li l-bijomassa tal-istokkijiet ta' BLI/12INT, BLI/24, BLI/03A, COD/5BE6A, COD/7XAD34, HER/7G-K, u WHG/07A hija taħt il-punti ta' referenza tal-bijomassa (B_{lim}), għalhekk, l-Unjoni u r-Renju Unit qablu fir-Rekord bil-Miktub li huwa meħtieġ li l-Istati Membri ma japplikawx l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 fir-rigward ta' dawn l-istokkijiet għal trasferimenti mill-2021 għall-

⁵ Ir-Regolament (UE) 2019/472 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet mistada fl-Ilmijiet tal-Punent u fl-ilmijiet tal-madwar, u għas-sajd li jisfrutta daww il-istokkijiet, u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/1139 u (UE) 2018/973, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007 u (KE) Nru 1300/2008, (ĠU L 83 tal-25.3.2019, p. 1).

⁶ Ir-Regolament (UE) 2018/973 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet demersali fil-Baħar tat-Tramuntana u s-sajd li jisfrutta daww il-istokkijiet, li jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art fil-Baħar tat-Tramuntana u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 676/2007 u (KE) Nru 1342/2008 (ĠU L 179 tas-16.7.2018, p. 1).

⁷ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1875 tat-22 ta' Ottubru 2021 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-konsultazzjonijiet annwali mar-Renju Unit biex jintlaħaq ftehim dwar il-qabdiet totali permissibbli (ĠU L 378, 26.10.2021, p. 6).

2022, sabiex il-qabdiet fl-2022 ma jaqbxuz it-TAC stabbilita għal dawk l-istokkijiet. L-Unjoni u r-Renju Unit qablu wkoll li l-istess japplika għall-istokk ta' DGS/15X14, li hija speċi pprojbita skont l-Artikolu 18(1)(o) tar-Regolament (UE) 2022/109.

- (8) L-Unjoni fittxet mar-Renju Unit li ssib l-oġhla livell possibbli ta' konverġenza fl-applikazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art, inkluż l-eżenzjonijiet *de minimis* u tas-sopravivenza, biex tiżgura l-aderenza mal-oġettivi ta' konservazzjoni u kundizzjonijiet ekwivalenti. L-opportunitajiet tas-sajd li ġew miftiehma mar-Renju Unit għall-istokkijiet ta' speċijiet li għalihom japplika l-obbligu ta' ħatt l-art, iqisu l-fatt li fil-prinċipju, l-iskartar ma għadux permess. Għalhekk, l-ammonti li, b'eċċezzjoni, jistgħu jibqgħu jiġu skartati waqt l-operazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art, ġew imnaqqa miċ-ċifra suġġerita għall-qabdiet totali kif previst mill-ICES.
- (9) L-Unjoni u r-Renju Unit qablu li jkomplu l-approċċ żviluppat għall-konservazzjoni tal-ispnott tat-Tramuntana, kif stabbilit fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2021/92⁸, b'mod partikolari li l-perssioni kumplessiva tas-sajd fuq l-istokk tibqa' taħt jew ugwali għal dik rakkomandata mill-ICES. Għalhekk, jenħtieġ li l-miżuri ta' limitazzjoni ta' qbid għal dan l-istokk ikomplu jiġu stabbiliti għall-2022 fid-diviżjonijiet 4b, 4c, 7a u 7d sa 7h tal-ICES. Fid-dawl tal-parir mogħti mill-ICES, l-Unjoni u r-Renju Unit qablu li jiżdiedu l-limiti ta' qbid għall-attivitajiet tas-sajd bl-użu tas-snanar u x-xlief, u tal-għeżul fuq il-lasti. L-Unjoni u r-Renju Unit qablu wkoll li l-limiti ta' kull xahar għax-xbieki tat-tkarkir u għat-tartaruni, jinbidlu għal kull xahrejn. L-UE u r-Renju Unit qablu wkoll li jagħtu prijorità lit-titjib tal-għodda ta' valutazzjoni tal-ICES għall-ispnott sabiex jippermettu kalkoli ta' tbassir abbażi tal-mudelli tal-MSY. L-Unjoni u r-Renju Unit qablu wkoll li huwa meħtieġ li jinżammu l-miżuri eżistenti ta' limitazzjoni tal-qbid applikabbli għas-sajd rikreattiv. Minħabba li l-limiti provviżorji ta' qbid issa qed jiġu sostitwiti b'limiti tal-qbid għas-sena sħiħa, il-miżuri rilevanti ta' limitazzjoni tal-qbid jenħtieġ li jkopru wkoll il-perjodu mill-1 ta' April sal-31 ta' Diċembru 2022.
- (10) Ir-Regolament (UE) 2022/109 jipprevedi tiġdid tal-għeluq staġunali fl-2022 għas-sajd taċ-ċiċċirell bl-użu ta' ċertu rkaptu rmunkat fid-diviżjonijiet 2a, 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES. Minħabba li t-TAC provviżorja, li tkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2022, issa se tiġi sostitwita b'TAC definittiva għas-sena sħiħa, il-perjodu ta' għeluq applikabbli jenħtieġ li jkopri wkoll il-perjodu mill-1 ta' Awwissu sal-31 ta' Diċembru 2022.
- (11) Ir-Regolament (UE) 2022/109 jistabbilixxi TAC provviżorja għall-inċova fis-subżona 8 tal-ICES li tapplika mill-1 ta' Jannar 2022 sat-30 ta' Ġunju 2022, filwaqt li jistenna d-disponibbiltà ta' parir xjentifiku. L-ICES ħareġ il-parir xjentifiku għal dak l-istokk għall-2022 fis-17 ta' Diċembru 2021. Għalhekk, jenħtieġ li t-TAC għal dak l-istokk għall-2022 tiġi emendata f'konformità ma' dak il-parir.
- (12) L-Unjoni u r-Renju Unit qablu li jżommu l-listi eżistenti ta' speċijiet ipprojbiti biex jiġu protetti milli jinqabdu.
- (13) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2022/109 jiġi emendat kif xieraq.
- (14) Il-limiti ta' qbid previsti fir-Regolament (UE) 2022/109 japplikaw mill-1 ta' Jannar 2022. Għalhekk, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet introdotti minn dan ir-Regolament li jikkonċernaw il-limiti ta' qbid, japplikaw ukoll minn dik id-data. Tali

⁸ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/92 tat-28 ta' Jannar 2021 li jistabbilixxi għall-2021 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f' ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 31, 29.1.2021, p. 31-192).

applikazzjoni retroattiva ma taffettwax il-prinċipji taċ-ċertezza legali u tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, billi l-opportunitajiet tas-sajd ikkonċernati żdiedu jew għadhom ma ġewx eżawriti. Għal raġunijiet ta' urġenza, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/109

Ir-Regolament (UE) 2022/109 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-Artikolu 7 jitħassar;
- (2) L-Artikolu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 11

Miżuri għas-sajd tal-ispnott fid-diviżjonijiet 4b u 4c tal-ICES u fis-subżona 7 tal-ICES

1. Għandu jkun ipprojbit għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, kif ukoll għal kwalunkwe tip ta' sajd kummerċjali minn fuq ix-xatt li jistadu għall-ispnott (*Dicentrarchus labrax*) fid-diviżjonijiet 4b u 4c tal-ICES u fis-subżona 7 tal-ICES jew li jżommu abbord, jitrażbordaw, jirrilokaw jew iħottu l-art l-ispnott li jinqabad f'dik iż-żona.
2. Il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għall-qabdiet aċċessorji tal-ispnott f'attivitajiet ta' sajd kummerċjali bix-xbieki fuq l-art. Din l-eżenzjoni tapplika għal numri storiċi ta' xbieki tax-xtut stabbiliti fil-livelli ta' qabel l-2017. L-attivitajiet ta' sajd bix-xbieki kummerċjali mix-xatt ma għandux ikollhom l-ispnott fil-mira tagħhom u jistgħu jinħattu l-art biss qabdiet aċċessorji inevitabbli tal-ispnott.
3. B'deroga mill-paragrafu 1, f'Jannar 2022, u mill-1 ta' April sal-31 ta' Diċembru 2022, il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fid-diviżjonijiet 4b, 4c, 7d, 7e, 7f u 7h tal-ICES jistgħu jistadu, iżommu abbord, jitrażbordaw, jirrilokaw jew iħottu l-art l-ispnott maqbud f'dik iż-żona bl-irkapti li ġejjin u fil-limiti segwenti:
 - (a) bl-użu ta' xbieki tat-tkarkir tal-qiegh⁹, għal qabdiet aċċessorji inevitabbli li ma jaqbżux is-760 kilogramma kull xahrejn kalendarji (Jannar u April; Mejju u Ġunju; Lulju u Awwissu; Settembru u Ottubru; Novembru u Diċembru) u 5 % tal-piż tal-qabdiet totali ta' organiżmi tal-baħar abbord li jinqabdu minn dak il-bastiment għal kull vjaġġ tas-sajd;
 - (b) bl-użu ta' tartaruni¹⁰, għal qabdiet aċċessorji inevitabbli li ma jaqbżux is-760 kilogramma kull xahrejn kalendarji (Jannar u April; Mejju u Ġunju; Lulju u Awwissu; Settembru u Ottubru; Novembru u Diċembru) u 5 % tal-piż tal-qabdiet totali ta' organiżmi tal-baħar abbord li jinqabdu minn dak il-bastiment għal kull vjaġġ tas-sajd;

⁹ It-tipi kollha ta' xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (OTB, OTT, PTB, TBB, TBN, TBS u TB).

¹⁰ It-tipi ta' tartaruni kollha (SSC, SDN, SPR, SV, SB u SX).

- (c) bl-użu tas-snanar u x-xlief¹¹, li ma jaqbżux il-5,95 tunnellati għal kull bastiment;
- (d) l-użu tal-għeżul fuq il-lasti¹², għall-qabdiet aċċessorji inevitabbli ta' mhux aktar minn 1,5 tunnellata għal kull bastiment.

Id-derogi stabbiliti fl-ewwel subparagrafu, punt (c), għandhom japplikaw għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jkunu rreġistraw qabdiet tal-ispnott bl-użu tas-snanar u x-xlief fil-perjodu mill-1 ta' Lulju 2015 sat-30 ta' Settembru 2016.

Id-derogi stabbiliti fl-ewwel subparagrafu, punt (d), għandhom japplikaw għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jkunu rreġistraw qabdiet tal-ispnott bl-użu tal-għeżul fuq il-lasti fil-perjodu mill-1 ta' Lulju 2015 sat-30 ta' Settembru 2016.

F'każ ta' sostituzzjoni ta' bastiment tas-sajd tal-Unjoni, l-Istati Membri jistgħu jippermettu li dawk id-derogi japplikaw għal bastiment tas-sajd tal-Unjoni ieħor dment li l-għadd ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni soġġetti għal kull waħda mid-derogi u l-kapaċità tas-sajd kumplessiva tagħhom ma jiżdidux.

4. Il-limiti ta' qbid stabbiliti fil-paragrafu 3 ma għandhomx ikunu trasferibbli bejn il-bastimenti u, lanqas minn perjodu ta' xahrejn kalendarju għal ieħor, fejn japplika limitu ta' kull xahrejn.

Għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jużaw aktar minn irkaptu wieħed f'xahrejn kalendarji, għandu japplika l-limitu ta' qbid l-aktar baxx stabbilit fil-paragrafu 3 għal kull irkaptu. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni kull qabda tal-ispnott skont it-tip ta' rkaptu sa mhux aktar tard minn 15-il jum wara t-tmiem ta' kull xahar.

5. Fis-sajd rikreattiv, inkluż dak li jsir minn max-xatt, fid-diviżjonijiet 4b, 4c, 6a, 7a sa 7k tal-ICES:

- (a) mill-1 ta' Jannar sat-28 ta' Frar 2022 u mill-1 sal-31 ta' Diċembru 2022:
 - (i) għall-ispnott għandu jkun permess biss is-sajd ta' qbid u rilaxx b'qasba jew bi xliet.
 - (ii) Matul dak il-perjodu, għandu jkun ipprojbit li jinżamm, li jiġi rilokat, li jiġi trażbordat jew li jinħatt l-art l-ispnott li jinqabad f' dik iż-żona.
- (b) mill-1 ta' Marzu sat-30 ta' Novembru 2022:
 - (i) mhux aktar minn żewġ eżemplari ta' spnott jistgħu jinqabdu u jinżammu għal kull sajjied kuljum.
 - (ii) Id-daqs minimu tal-ispnott miżmum matul dan il-perjodu għandu jkun ta' 42 cm.
 - (iii) Ma għandhomx jintużaw xbieki fissi biex jinqabad jew jinżamm l-ispnott matul dan il-perjodu.

6. Il-paragrafu 6 għandu japplika mingħajr preġudizzju għal miżuri nazzjonali aktar stretti dwar is-sajd rikreattiv.”

- (3) L-Artikolu 15 huwa sostitwit b'dan li ġej:

¹¹ Is-sajd kollu bil-konzizzjiet jew bil-bastun u x-xlief jew bil-qasba u x-xlief (LHP, LHM, LLD, LL, LTL, LX u LLS).

¹² L-għeżul fuq il-lasti u n-nases kollha (GTR, GNS, GNC, FYK, FPN u FIX).

“Artikolu 15

Staġuni magħluqin għas-sajd għaċ-ċiċċirell

Is-sajd kummerċjali għaċ-ċiċċirell bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, b' tartaruni jew b'irkaptu simili rmunkat bid-daqs tal-malji inqas minn 16-il mm, għandu jkun ipprobit fid-diviżjonijiet 2a, 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2022 u mill-1 ta Awwissu sal-31 ta' Diċembru 2022.”

- (4) Il-Parti A tal-Anness IA hija emendata f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament.
- (5) Il-Parti B tal-Anness IA huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.
- (6) L-Anness II huwa emendat f'konformità mal-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*